# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2019

**Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari**

**Il-Marki: 30 marka**

**Il-Ħin: 50 minuta**

## L-Ewwel Taqsima (10 marki)

**Ħares lejn il-powster u wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Festa Logħob

## Il-Park Nazzjonali - Ta' Qali

Jattendu tfal minn 8 sa 12-il sena



Biex tieħdu sehem fl-attivitajiet, ikkuntattjawna fuq

**98213571**

**7 t'Awwissu 2019**



### Attivitajiet

* Kwiżż
* Futbol
* Tlielaq
* Krafts
* Logħob bl-ilma
* Dawra bir-roti u oħrajn



Ir-rigali ma jonqsux!

Donazzjoni mad-dħul b'risq il-Kumitat tal-Festa tkun apprezzata

**Taħriġ A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħt ir-risposta t-tajba.**

L-ewwel waħda hija eżempju. (2 marki)

1. Din l-attività se tiġi organizzata ġewwa (l-Park tal-Annimali, l-Villaġġ tas-Snajja', l-Park Nazzjonali).
2. Festa Logħob se ssir (fis-sajf, fir-rebbiegħa, fil-ħarifa).
3. Waħda mill-attivitajiet li se jkun hemm hija (d-dawra biż-żwiemel, l-għawm, l-ġiri).

**Taħriġ B: Immarka ✓ hux Veru (V), Falz (F) jew Ma Ssemmietx (MS).** (5 marki)

L-ewwel waħda hija eżempju.

| | V | F | MS |
|---|---|---|---|
| 1. L-attività se ssir fl-2020. | | ✓ | |
| 2. Għal din l-attività jistgħu jieħdu sehem tfal minn 5 snin 'il fuq. | | | |
| 3. Min jattendi għal din l-attività jrid jagħti donazzjoni. | | | |
| 4. Wieħed jista' jixtri x'jiekol. | | | |
| 5. Min iħobb isuq ir-rota se jieħu gost żgur. | | | |
| 6. It-trasport se jkun organizzat mill-Kumitat tal-Festa. | | | |

**Taħriġ Ċ: Imla l-vojt skont is-sens tas-sentenza.** (2 marki)

L-ewwel waħda hija eżempju.

1. Biex tibbukkja post, trid iċċempel fuq in-numru 98213571.
2. Il-flus li se jinġabru minn din l-attività se jmorru għall-______________________________.
3. Matul din l-attività, it-tfal se jingħataw xi ____________________________.

**Taħriġ D:** Ikteb post fejn tista' tara dan il-powster imwaħħal fir-raħal. (marka)

____________________________________________________________

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**L-Ewwel Parti**



Jiena Rebecca, u f'Ġunju li għadda ċċelebrajt għeluq snini b'mod differenti mis-soltu. Flimkien ma' sħabi, Samwel u Giulia, u l-ġenituri tagħna, morna nikkampjaw fl-għalqa li n-nannu għandu qrib il-bajja tal-Ġnejna. Ħadna gost intellgħu t-tined, nagħmlu mixjiet twal fl-inħawi u nqabbdu l-ħatab biex insajru l-laħam li ħadna magħna. L-arja tal-Ġnejna fetħitli l-aptit u l-laħam mixwi fuq il-ħatab niżilli għasel.

Kien bnazzi ħafna u xħin dalam sewwa s-sema kien mimli kwiekeb. L-għaxar xemgħat inemnmu li kelli fuq il-kejk komplew isebbħu dik l-atmosfera. Is-skiet kien miksur biss mill-ħoss tal-baħar iċafċaf max-xtajta. Jiena nħobb ħafna n-natura u għalhekk ma stajtx niċċelebra għeluq snini aħjar minn hekk. Imma s-sorpriżi għal dakinhar kienu għadhom ħa jibdew!

Jiena u sħabi qbadna xugaman u nżilna fil-bajja. Hemmhekk bdejt niftaħ ir-rigali għad-dawl tat-torċ. Imma l-akbar rigal li kelli naqla' dakinhar ma kienx imgeżwer fil-karti kkuluriti!

Il-qamar kien qed jiddi ġmielu. Hekk kif konna se naħsbu biex immorru lura lejn it-tined, Samwel jilmaħ bħal dell iswed jitkaxkar fuq ir-ramel. Kien ġej mid-direzzjoni tal-baħar. **Imbagħad waqaf.** Fil-bajja kien jinstema' biss in-nifs tagħna u dak tal-baħar. Bqajna bħal statwi nħarsu lejn dak id-dell li issa kien qiegħed iħaffer fir-ramel. Ersaqna iktar fil-qrib. Giulia xegħlet it-torċ tal-mowbajl biex tara aħjar.

"Dik fekruna tal-baħar," għajtet Giulia. "Telgħet biex tagħmel il-bejta u tbid il-bajd. Tiftakru meta l-għalliema qaltilna li l-fkieren ibidu l-bajd ġo ħofra fonda fir-ramel u jerġgħu jitilqu lura lejn il-baħar?"

**Ma ridniex nemmnu lil għajnejna** xħin rajnieha tgħatti l-bajd bir-ramel u terġa' lura lejn il-baħar. Għalija dik l-esperjenza kienet l-ikbar rigal li stajt naqla' f'għeluq snini! Din kienet xi ħaġa rari li tiġri!

**Taħriġ A: Aħdem dawn li ġejjin skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha.

It-tfal u l-ġenituri tagħhom ikkampjaw

a) f'għalqa.

b) fil-bajja.

ċ) fi ġnejna.

2. Min għalaq sninu u kemm għalaq?

______________________________

3. Semmi **tliet affarijiet** li għamlu t-tfal meta marru jikkampjaw.

______________________________

4. Kif taf li Rebecca għoġobha l-laħam li sajru fuq il-ħatab?

______________________________

5. '**Imbagħad waqaf**'. Għal **xiex** qed tirreferi din il-frażi?

______________________________

6. Agħti t-tifsira tal-espressjoni '**Ma ridniex nemmnu lil għajnejna**'.

______________________________

7. '...in-nifs tagħna u dak tal-baħar...'

Agħti l-plural ta' **baħar**. ______________________________

8. '...filgħodu **erġajna** konna hemm...'

Agħti l-għerq ta' **erġajna**. ______________________________

## Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

### It-Tieni Parti

L-għada filgħodu, il-papà qalilna li l-aħjar inċemplu lill-għaqda ambjentali *Nature Trust* u ngħidulhom b'dak li rajna.

Lanqas laħqet għaddiet nofs siegħa mit-telefonata tal-papà, li ma narawx lil żewġ voluntiera, Paul u Sandra minn din l-għaqda ambjentali, ġejjin biex nuruhom il-post fejn rajna l-fekruna.

"Din hija tassew bejta tal-fkieren," qalilna Paul wieħed mill-voluntiera, "u kbira mhux ħażin. Naħseb fiha 'l fuq minn 100 bajda," kompliet Sandra, il-voluntiera l-oħra.

"X'aktarx, ħafna snin ilu, din il-fekruna faqqset fuq din il-bajja. Il-fkieren tal-baħar ġeneralment ibidu l-bajd tagħhom fl-istess post fejn ikunu faqqsu huma. Ifittxu bajjiet bla dawl tal-bozoz u bla storbju. Sfortunatament dawn il-bajjiet qegħdin kulma jmur jonqsu minħabba l-bini ta' lukandi u ta' żvilupp tul il-kosta. Din il-fekruna, bħal ommha, għażlet il-bajja tal-Ġnejna. Jekk nieħdu ħsieb il-bejta, madwar 60 ġurnata oħra dan il-bajd ifaqqas," kompla Paul.

Minn dakinhar stess tpoġġa lqugħ protettiv madwar il-bejta. Persuni ta' kull età offrew ftit mill-ħin tagħhom sabiex joqogħdu għassa magħha. Hekk ħadd ma jirfes fuqha u ħadd ma jidħol jagħmel l-istorbju jew isuq xi karozza għal fuq il-bajja.

Kien is-26 ta' Awwissu. Donnha **qalbi ħebbritni**! "Ma, Pa tridx inċempel lil Samwel u lil Giulia u llejla ninżlu sal-Ġnejna ngħumu għawma u ngħassu ftit il-bejta?" Iktar tard mal-lejl erġajna konna hemm fl-istess post ta' xahrejn qabel, imma din id-darba s-sorpriża kienet ikbar! Kien għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu meta Sandra, il-voluntiera, għamlitilna sinjal biex nersqu aktar viċin. Mir-ramel bdejna naraw ħafna fkieren ċkejknin, min jitfixkel, min jitgerbeb u jerġa' jdur, imma kollha mixjin lejn direzzjoni waħda, lejn il-baħar. L-għada, fuq ir-radju, li l-papà kellu fil-karozza, smajna l-aħbar prinċipali tal-ġurnata: "Ifaqqsu l-fkieren tal-Ġnejna. Minn 112 ifaqqsu 111 u kollha jerħulha lejn il-baħar!"

**Taħriġ B. Wieġeb dawn li ġejjin skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Għaliex il-papà ta' Rebecca ċempel lin-*Nature Trust*?

______________________________________________

2. Fejn kienet faqqset din il-fekruna li issa ġiet tbid il-bajd fil-Ġnejna?

______________________________________________

3. Semmi **żewġ** affarijiet li setgħu għamlu l-ħsara lill-bejta tal-fekruna.

______________________________________________

4. Xi tfisser l-espressjoni **'qalbi ħebbritni'**?

______________________________________________

5. Kif nafu li kien hemm interess kbir dwar din il-bejta?

______________________________________________

6. 'Minn 112 faqqsu **111**...'

   Ikteb in-numru **111** fi kliem. ______________________

7. '...fil-karozza, **smajna** l-aħbar prinċipali...'

   Agħti l-preżent ta' smajna. ______________________

8. '... sinjal biex nersqu aktar **viċin**...'

   Agħti kelma sinonima li tfisser viċin. ______________________

**Taħriġ Ċ. Aħdem dawn fuq is-silta kollha.** (4 marki)

1. Skont dak li qrajt, **agħti żewġ raġunijiet** għaliex taħseb li l-bajja tal-Ġnejna kienet ideali biex il-fekruna tagħmel il-bejta tagħha.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Skont dak li qrajt fis-silta, **semmi żewġ affarijiet** li sirt taf dwar it-tfal protagonisti ta' din l-istorja.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Tmiem il-karta**